# Il-Ħidma Artistika ta' Abram Gatt 1863-1944



Għall-ħabta tas-sena 1863 twieled ġol-belt ta' Bormla l-famuż statwarju u disinjatur Abram Gatt. Hu twieled fl-4 t'Ottubru 1863, minn Ġużeppi u Regina li kunjom xbubitha kien Cassar. It-tfulija Abram għaddieha fi Triq l-Oratorju, fejn minn hemm daħal fit-tarzna fejn beda ix-xogħol artistiku tiegħu fil-karpinterija.

Hu tħarreġ taħt l-istatwarju Karlu Darmanin (1825-1909) u d-disinji taht Lazzro Pisani (1854-1932) u l-iskultura, fejn kien imur l-iskola teknika ta' l-arti fil-Kottonera. Abram Gatt kellu jirrifuġja ruħu minħabba l-gwerra f'Ħaż-żebbuġ fejn għex fi Triq San Ġużepp. Abram Gatt halla din id-dinja nhar it-28 ta' Marzu 1944 u wara ndifen fil-qabar tal-frattellanza tal-Kurċifiss taċ-ċimiterju ta' l-Adolorata.

Għall-ħabta ta' 1910 flimkien mal-magħruf Abram GAtt, ħadmu mastru Nicola Sammut, Andrea VAssallo u Dun Ġużepp Vassallo, flimkien ma' l-Imgħallem Luqa Grixti, kien sar ftehim biex isir restawr fuq l-istatwa ta' S. Andrija, li sar fis-sena 1913. Ix-xogħol ta' l-injam ta' l-istatwa kien esegwit

minn Abram Gatt. Il-pedistall u l-bradella ġew maħduma minn membri tas-Soċjetà tal-Unjoni, flimkien ma' Luqa Grixti. Il-bidu tax-xogħol tal-bradella kien sar fil-każin li dak iż-żmien kien jinsab Triq S. Ġużepp. L-appostli tal-bradella saru l-Awstrija li tlieta minnhom waslu nhar it-23 ta' novembru 1913, u d-disgha l-ohra waslu fi Frar 1914. Mastru Nicola Sammut kien hareġ il-flus għall-pedistall, Andrè Vassallo flimkien ma' Luqa Grixti offra x-xogħol ta' l-iskultura b'xejn u l-induratura ikkontribwixxa għaliha Andre VAssallo. Din saret minn Franġisku Coleiro (1862 -1940), tal-Belt, fis-sena 1913.

Kienu għall-ħabta tat-3pm meta tfaċċat l-istatwa minn Valletta Road Luqa, fejn fost ferħ u ċapċip inkixfet l-istatwa. Fost l-oħrajn kien hemm preżenti Abram GAtt. Għal din l-okkażjoni daqqet il-Banda Unjoni mit-tarf ta' Ħal-Luqa sal-Knisja Parrokkjali fejn saret il-funzjoni tal-festa bil-mużika ta' Anton nani (1842-1929). Dan kolu ġara fi żmien il-Kappillan Dun Anton Vella B. A. D.D. (1903-1920).

Dan l-iskultur magħruf fil-parroċċa tagħna ħallilna ħafna affarijiet oħra fosthom il-ventartal tal-festa, li nhadem minn Karmenu Theuma fi-sena 1910 u tħallas mil-legat ta' Tonna, li Abram Gatt tħallas 5 snin wara. Fis-sena 1910-1911 inhadmu in-niċeċ tal-gebel ta' Sant'Andrija u tar-Rużarju minn Luqa Grixti li ħadem ukoll il-gallarija ta' l-orgni, fis-sena 1909-10 il-bibien ta' barra, li tmintax il-rużun minnhom gew maħdumin minn Pawlu Falzon. Fil-każin tal-banda l-Unjoni Abram Gatt idisinja Standard, li fih hemm l-arma ta' Sant'Andrija, imżewqa bir-rand u l-kuruna simbolu tal-glorja ta' dan il-qaddis. Hemm ukoll il-fireplace li ġie skolpit fl-injam minn Luqa Grixti.

B'hekk rajnha ix-xogħlijiet ta' Abram Gatt, skultur u disinjatur u xogħlijiet li saru fil-parroċċa ta' Ħal-Luqa

**P. MUXI**